MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Numru. 610/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Roger Xuereb**

Kaz Numru: 610/2013

Illum 6 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Roger Xuereb**, bin Joseph u Rita neé Debono, mwieled fis-7 ta' April 1958,

residenti Old Trafford, Flat 2, Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex (c/o Xuereb Glass, Industrial Estate, Xewkija), detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 24858(G)) akkuzat talli:

1. fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta' Xuereb Glass Company Limited (C 23471), b'indirizz registrat Xuereb Glass, St. Anthony Street, Ghajnsielem, Ghawdex u/jew bhala persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta' sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas ghall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2012 u l-31 ta' Jannar, fl-ammont ta' €2,696.08, naqas li jhallas l-*overtime* ghall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2012 u l-31 ta' Jannar 2013 ammontanti ghal 507.50 Euro, naqas li jhallas l-*weekly allowance* ammontanti ghal 74.56 Euro, naqas li jhallas l-*bonus* ammontanti ghal 150.80 Euro, u naqas li jhallas in-*Notice* ammontanti ghal 465.20 li b'kollox jammontaw ghal tlett'elef, tmien mija u erbgha u disghin Euro u erbatax-il centezmu (3,894.14) u li kienu dovuti lill-impjegat tieghu, u cioé Michael Saliba li gie terminat fit-18 ta' Jannar 2013.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat *ai termini* tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligjiet ta' Malta sabiex ihallas il-penali skond il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputat *ai termini* tal-Artikolu 45(2) tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallas lil Michael Saluiba l-ammont ta' tlett'elef, tmien mija u erbgha u disghin Euro ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014, lid-difiza teccepixxi l-preskrizzjoni taht Artikolu 47 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2014, il-Prosekuzzjoni ezebiet riferta tal-imputat, liema riferta giet immarkata bhala Dok. "X".

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' April 2014, lid-difiza tinsisti ghall-eccezzjoni sollevata minnha fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' April 2014, lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' April 2014, it-trattazzjoni *da parte* tal-*parte civile* u tad-difiza rigward l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza.

**Ikkunsidrat**

<u>Illi din is-sentenza ser titratta biss l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali sollevata mid-difiza.</u>

Illi l-azzjoni kriminali fil-kawza odjerna hija wahda li temergi minn Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi Artikolu 47(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> *"Procedimenti ghal reat skond dan l-Att jew skond xi regolamenti jew ordnijiet maghmula tahtu jistghu jinbdew f'kull zmien fi zmien sena mill-ghemil tar-reat".*

Illi l-imputazzjoni miguba fil-konfront tal-imputat hija ghall-perjodu partikolari, cioé ghall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2012 u l-31 ta' Jannar 2013.

Illi t-timbru tal-Ufficjal Prosekutur fuq ic-*charge sheet* ggib id-data tad-9 ta' Dicembru 2013.

Illi mir-riferta li giet ezebieta fis-seduta tat-8 ta' April 2014, liema riferta giet mmarkata bl-ittra "X", jirrizulta li l-imputat gie notifikat bl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu fit-8 ta' Jannar 2014.

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jinghad li sabiex il-preskrizzjoni tiġi interrotta ma kienx biżżejjed il-preżentata ta' att tal-proċediment dwar il-fatt li għalih il-persuna tkun imputata jew akkużata iżda kien meħtieġ in-notifika ta' dak l-att ta' proċediment[1]. Dan illum jinsab ukoll riaffermat b'dak dispost fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali li għas-sospensjoni jew interruzzjoni taż-żmien ta' preskrizzjoni hi meħtieġa n-notifika tal-imputazzjoni u, jew att ta' akkuża. Dan sostnietu l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Axiak**, li giet deciza fis-17 ta' Jannar 2014.

Illi, tenut kont ta' dan, *stante* li jirrizulta li l-perjodu mertu tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirrigwarda l-

[1] Salv sitwazzjonijiet partikolari li ma jagħmlux għall-każ odjern fosthom dawk previsti fl-Artikolu 693(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2012 u l-31 ta' Jannar 2013, u *stante* li l-imputat gie notifikat fit-8 ta' Jannar 2014, ifisser li, tenut kont ta' Artikolu 47(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, kwalunkwe ammont allegatament dovut sat-8 ta' Jannar 2013 huwa preskritt.

Ghal dawn il-motivi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq u wara li rat Artikolu 47(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni ta' prosekrizzjoni sollevata mill-imputat b'dan illi kwalunkwe azzjoni li tirrigwarda ammont allegatament dovut sat-8 ta' Jannar 2013 hija preskritta.

Il-Qorti tordna li jitressqu l-provi fir-rigward ta' kwalunkwe ammont dovut lill-kwerelant wara t-8 ta' Jannar 2013.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------